Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 98/2008

**A B**

**-vs-**

**Dr. Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar li b'digriet tat-3 ta' April 2008 ġew nominati bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti C B; u b'digriet tas-7 ta' Mejju 2008 il-kuratur Dr. Richard Sladden ġie sostitwit b'Dr. Beppe Fenech Adami**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-5 ta' Marzu 2008 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

Illi l-esponenta iżżewġet lill-intimat fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' April, 1994 kif jirriżulta miċ-ċertifikat hawn anness u mmarkat bħala Dok. A.

Illi minn dan iż-żwieġ twieldu erbat (4) itfal u ċjoe': D, E, F u G.

Illi l-intimat irrenda ruħu ħati *verso* l-attriċi ta' diversi tortijiet fosthom, adulterju, eċċessi, inġurji gravi, sevizzi, moħqrija, abbandun tad-dar matrimonajli u tkissir irrimedjabbilment taż-żwieġ fejn bħala konsegwenza ma hemmx lok ta' rikonċiljazzjoni.

Illi fil-fatt l-intimat kien irritorna lura lejn pajjiżu fil-5 ta' Jannar, 2006 u hu qatt ma ġie lura lejn Malta.

Illi l-esponenta taf personalment bil-fatti kollha dikjarati f'din il-kawża.

Jgħid għalhekk l-intimat għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

a. Tippronunzja l-firda personali bejn il-partijiet għar-raġunijiet imputabbli għall-istess intimat kif fuq spjegat u li ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment u ma hemmx lok ta' rikonċiljazzjoni.

b. Tiffissa u tordna l-ħlas ta' manteniment xieraq għar-rikorrenta u għall-minuri b'dawk il-modalitajiet minnha ordnati.

c. Tiffissa aċċess raġonevoli għall-intimat versu l-minuri.

d. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet.

e. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti imma wkoll timponi l-penalitajiet li hemm kontemplati fil-liġi minħabba t-tortijiet kontra l-intimat.

f. Tassenja d-dar konjugali lill-attriċi ad esklużjoni ta' l-intimata u li jiġi ordnat li l-intimat jivvaka minnha fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti.

g. Tordna r-restituzzjoni ta' l-assi parafernali lill-attriċi.

h. Tapplika kontra l-intimat l-effetti kollha ta' l-Artikolu 48 *et seq* tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

i. Tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-att relattiv u tiffissa jum, ħin u lok għall-istess publikazzjoni.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li jibqa' nġunt minn issa għas-subizzjoni tiegħu.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta tal-konvenut *nomine* ppreżentata fid-9 ta' Mejju 2008, li permezz tagħha eċċepixxa bir-rispett:

1. Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti tal-każ u jirriservaw li jipprovdu r-risposti tagħhom fid-dettall fi stadju ulterjuri.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut *nomine* u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavit ta' l-attriċi;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Marzu 2009 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba tortijiet imputabbli lill-konvenut. Il-konvenut rappreżentat mill-kuraturi ma ressaqx provi.

Il-partijiet iżżewġu fl-1994 u kellhom erbat itfal. Il-konvenut li huwa Eġizzjan mar lura pajjiżu fl-2006. Huwa abbanduna għalhekk għal kollox id-dar matrimonjali.

L-attriċi ma qalet assolutament xejn fir-rigward tal-komunjoni ta’ l-akkwisti u għalhekk il-Qorti jkollha tastjeni milli tippronunzja ruħha dwar dan kif ukoll rigward proprjeta’ parafernali. Lanqas dwar manteniment il-Qorti m’għandha elementi biżżejjed biex tagħti provvediment.

Ma hemmx dubju pero’ li t-talbiet l-oħra għandhom jiġu akkolti.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa’ t-talbiet attriċi u għalhekk:**

**1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet għar-raġunijiet indikati fir-rikors promotur;**

**2. tastjeni minħabba mankanza ta’ provi li tipprovdi dwar it-tieni talba;**

**3. taffida l-kura u kustodja tal-minuri f’idejn l-attriċi;**

**4. tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-partijiet;**

**5. tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħames talba;**

**6. tilqa s-sitt talba b’effett immedjat;**

**7. tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-seba’ talba;**

**8. tilqa’ t-tmien talba u tiddikjara applikabbli s-sanzjoni kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-konvenut;**

**9. billi m’hemmx lok tad-disa’ talba, tastjeni milli tipprovdi fir-rigward.**

**L-ispejjeż kollha jitħallsu mill-konvenut iżda l-attriċi proviżorjament għandha tħallas l-ispejjeż u drittijiet tal-kuraturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------